MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 85/2013

**Alu-Finish Limited u Raymond Borg**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Alu-Finish Limited u minn Raymond Borg fit-13 ta' Marzu 2013 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-imposizzjoni fuqhom da parte tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ta' taxxa ammontanti ghal €211,964.17 ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998 hija infondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi fil-konfront taghhom u li ghalhekk daqstant infondat u null huwa l-avviz ghall-hlas allegatament spedit mid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011, u li konsegwentement tali avviz, li skond id-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) jikkostitwixxi titolu ezekuttiv tieghu fil-konfront taghhom,

ma jistghax jigi esegwit kontrihom; bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokument ossia ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012, annessa mar-Rikors promotur u markata Dok."A" a fol. 4 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (1) fl-ewwel lok il-proceduri huma irriti u nulli peress illi ma gewx istitwiti quddiem il-forum idoneju in kwantu dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi l-kaz in ezami; (2) bla pregudizzju u fil-meritu, l-ammonti minnu pretizi huma dovuti mir-Rikorrenti stante li l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012 li intbaghtet ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet preceduta b'Talba ghall-Hlas datata 2 ta' Awwissu 2011 li, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, giet notifikata lill-istess Rikorrenti; u (3) il-Likwidazzjoni attakkata mir-Rikorrenti hija gustifikata ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Alu-Finish Limited u minn Raymond Borg fit-13 ta' Marzu 2013 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jordna li *pendente lite* u sakemm il-kawza fl-ismijiet "Alu-Finish Limited et v. Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)" tkun ghadha pendenti quddiemu, l-avviz ghall-hlas allegatament spedit mid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011 u citat fl-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012 ma jkunx jista' jigi esegwit, ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ghal din it-talba partikolari u sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar din it-talba. Ra d-Digriet moghti fl-14 ta' Mejju 2013 li bih it-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni ta' din it-talba partikolari avvanzata mir-Rikorrenti stante li hija l-Qorti taht l-Awtorità ta' liema intalab u gie ottenut it-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tar-Rikorrenti li ghandha l-Awtorità u l-poter li tissosspendi l-esekuzzjoni ta' tali titolu;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fit-3 ta' Gunju 2013 u ra n-Nota Responsiva tar-Rikorrenti pprezentata fis-26 ta' Gunju 2013;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012, id-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) interpella lis-socjetà Alu-Finish Limited u lil Raymond Borg ai termini ta' l-Artikolu 59 u 66 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 sabiex ihallsu s-somma ta' €211,964.17 rapprezentanti ammont minnhom dovut skond l-imsemmi Att u wissihom li *din l-interpellazzjoni qed issir ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament sabiex tirrendi esegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra taghkom permezz ta' l-avviz li nbaghat ghall-hlas fit-2 ta' Awwissu 2011. Fin-nuqqas il-mittenti javzakom li ser jghaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv li hu ghandu kontra taghkom permezz tal-mandati opportuni*[1].

Alu-Finish Limited u Raymond Borg jikkontestaw il-pretensjoni u konsegwenti interpellazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) stante li: (i) *l-ewwel u qabel kollox, filwaqt li l-esponenti mhux qed jaghtu ruhom b'notifikati bil-precitata ittra ufficjali huma iddikjaraw illi qatt ma ircievew l-allegat avviz ghall-hlas li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awissu 2011*; u li (ii) *it-talba tad-Direttur Generali intimat hekk kif postulata fl-Ittra Ufficjali bin-Numru 3414/12 fl-ismijiet inversi hija wahda infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fi dritt u kwalunkwe somma allegatament likwidata mid-Direttur Generali intimat hija daqstant iehor infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi d-Direttur Generali intimat mexa b'mod arbitrarju, skorrett, illegali w ingust meta impona taxxa ammontanti ghas-somma ta' mitejn u hdax-il elf disa' mija u erbgha u*

[1] Dok. "A" a fol. 4 tal-process.

*sittin euro u sbatax-il cent (€211,964.17) fuq l-esponenti skond l-Att XXIII ta’ l-1998 u li ghalhekk daqstant arbitrarju, skorrett, illegali w ingust huwa l-precitat avviz ghall-hlas ta’ l-istess mahrug mid-Direttur Generali intimat u li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta’ Awissu 2011*[2], u bil-proceduri odjerni jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-imposizzjoni fuqhom da parte tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ta' taxxa ammontanti ghal €211,964.17 ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998 hija infondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u li ghalhekk daqstant infondat u null huwa l-avviz ghall-hlas allegatament spedit mid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011, u li konsegwentement tali avviz, li skond id-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) jikkostitwixxi titolu ezekuttiv tieghu fil-konfront taghhom, ma jistghax jigi esegwit kontrihom.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) fl-ewwel lok il-proceduri huma irriti u nulli peress illi ma gewx istitwiti quddiem il-forum idoneju in kwantu dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi l-kaz in ezami; (ii) bla pregudizzju u fil-meritu, l-ammonti minnu pretizi huma dovuti mir-Rikorrenti stante li l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012 li intbaghtet ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet preceduta b'Talba ghall-Hlas datata 2 ta' Awwissu 2011 li, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, giet notifikata lill-istess Rikorrenti; u li (iii) il-Likwidazzjoni attakkata mir-Rikorrenti hija gustifikata ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal qabel ma jigi trattat il-mertu tal-proceduri odjerni jehtieg li tigi trattata u determinata l-ewwel il-kwistjoni tan-nuqqas ta’ kompetenza ta' dan it-Tribunal sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-ewwel eccezzjoni tieghu. Ghalkemm ai termini ta’ l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta’ l-Artikolu 6

[2] Rikors promotur.

ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, *it-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jiehu d-decizjoni tieghu ghandu jkun wiehed ragonevoli skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Id-decizjoni ghandha tinghata kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva*[3], it-Tribunal iqis li dan il-provvediment partikolari ma ghandux jigi applikat fil-kaz fejn tkun qed tigi kontestata l-kompetenza tat-Tribunal u dana b'mod partikolari f'kawzi rigwardanti t-taxxa li min-natura taghhom jafu jkunu proceduri komplessi u dettaljati li jirrikjedu certu ammont ta' zmien kemm ghas-smigh kif ukoll ghad-determinazzjoni. Certament ma hu fl-interess ta' ebda wahda mill-partijiet kontendenti, la f'termini prattici ta' tul ta' zmien u lanqas f'termini guridici, li fejn tkun qed tigi kontestata l-kompetenza tat-Tribunal l-istess Tribunal jghaddi biex jisma' l-mertu tal-kaz qabel ma jiddetermina jekk ghandux o meno l-kompetenza necessarja biex jaghmel dan.

Il-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fil-kuntest ta' tilwimiet rigwardanti taxxa fuq il-valur mizjud hija specifikatament delineata fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 45 ta' l-imsemmi Att illi jipprovdi li *ghandu jitwaqqaf Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva bil-ghan li jisma' u jaqta' appelli u referenzi li jsiru skont l-artikoli 43 u 44*. L-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar – (a) ir-registrazzjoni ta' persuna taht dan l-Att jew it-thassir ta' dik ir-registrazzjoni; (b) kull taxxa li ghandha tithallas fuq provvista jew akkwist hlief ghal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa; (c) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oggetti maghmula jew li jkollha*

[3] Sottolinear tat-Tribunal.

*tintghamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le; (d) kull taxxa li ghandha tithallas fuq l-importazzjoni ta' oggetti; (e) il-lok, il-hin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli; (f) fl-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna registrata taht l-artikolu 10 ghal xi zmien ta' taxxa; (g) kull garanzija mehtiega mill-Kummissarju taht dan l-Att; (h) jekk xi hlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew ghandux jithallas lil dik il-persuna jew le; (i) kull punt ta' ligi li m'huwiex inkluz fid-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu; (j) kull haga li, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-sahha ta' dan l-Att, tista' tingieb fl-appell; (k) l-impozizzjoni ta' kull penali amministrattiva, hlief meta imposta bhala rizultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tigi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li ghandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta evidenti li kwistjonijiet jew tilwimiet bejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u t-*tax payer*, u fil-kaz in ezami anke r-rapprezentant tat-*tax payer*, li ma jaqghux entro l-parametri ta' l-Artikoli 43 u 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Fil-kaz in ezami jirrizulta inkontestat li l-procedura istitwita mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tar-Rikorrenti hija dik kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, li jaqa' taht it-VIII Taqsima ta' l-Att li tittratta dwar il-Gbir, Garanzija u Hlas Lura ta' taxxa. Ghal kull buon fini jigi rilevat li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jinvoka wkoll l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar ir-rapprezentanti tat-*tax payer*. L-Artikolu 59(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: *(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-*

*Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. (2) Il-Kummissarju jista’ jitlob il-hlas ta’ kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta’ nota ta’ talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta’ talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista’ jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta’ talba ghall-hlas li ssir permezz ta’ att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perijodu ta’ jumejn imsemmi f’dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta’ l-artijiet, skont il-kaz, nota ta’ privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta’ privilegg tista’ tigi registrata minn kull avukat jew nutar. (3) Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 468 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f’dan l-artikolu ghall-izbank ta’ kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew rizerva fic-cedola ta’ depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta’ xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-ittra ufficjali mibghuta mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) lit-*tax payer* kif ukoll lir-rapprezentant tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’dan il-kaz l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Novembru 2012, hija **pass ulterjuri** tad-Direttur Generali fil-process lejn il-gbir ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuta mit-*tax payer* u/jew rapprezentant tieghu skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema process jinbeda bl-ispedizzjoni ta’ l-Avviz imsemmi fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta. In effetti b’dik l-ittra ufficjali d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikun qed **jirrendi esegwibbli t-titolu ezekuttiv minnu già miksub fil-konfront tax-*tax payer*** u fil-kaz in ezami r-rapprezentant tieghu wkoll, u kemm-il darba t-*tax payer* u/jew ir-rapprezentant tieghu jonqos milli jhallas l-ammont mitlub entro t-terminu prefiss lilu d-Direttur Generali jkun jista’ jipprocedi bl-esekuzzjoni ta’ dak it-titolu fil-konfront

taghhom. Una volta li bl-ittra ufficjali imsemmija, f'dan il-kaz jigi ribadit l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jirrendi esegwibbli titolu ezekuttiv li huwa ghandu fil-konfront tat-*tax payer* u ir-rapprezentant tieghu dan it-Tribunal ma jibqax iktar kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-tilwimiet li jistghu jirrizultaw bejn it-*tax payer* u r-rapprezentant tieghu interpellati u d-Direttur Generali ghaliex tali kwistjonijiet ma jaqghux entro l-parametri la ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ta' l-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Indipendentement minn dawk li jistghu jkunu r-ragunijiet in bazi ghal liema t-*tax payer* u/jew ir-rapprezentant tieghu ikun qed jikkontesta l-pretensjoni u konsegwenti interpellazzjoni ghall-hlas tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenti esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, huwa evidenti li t-talba ghall-hlas li ssir mid-Direttur Generali ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hija distinta minn stima mahruga mill-istess Direttur Generali ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. B'hekk ladarba tali talba ghall-hlas hija distinta minn stima li minnha jista' jigi intavolat appell ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li l-imsemmi Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax fil-kuntest ta' tali talba ghall-hlas u ghalhekk ma jistax isir appell minnha quddiem dan it-Tribunal.

Il-kontestazzjoni ghall-interprellazzjoni maghmula mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma tista' titqies li taqa' taht wahda jew iktar mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar liema tista' ssir referenza quddiem dan it-Tribunal. Jigi ribadit li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament fis-subartikolu (2), hija intiza biex **titolu ezekuttiv jigi rez esegwibbli** u allura kull kontestazzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess necessarjament trid tigi diretta quddiem il-Qorti taht l-Awtorità ta' liema qed tintalab dik l-esekuzzjoni. Konferma ulterjuri li l-kontestazzjoni tat-titolu

ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tat-*tax payer* u r-rapprezentant tieghu u/jew ta’ l-esegwibilità ta’ l-istess in bazi ghall-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma taqax taht il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal tirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta’ l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta’ ligi u ta’ fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu* ***kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta’ dik it-tilwima***[4]*.* L-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *tista’ ssir kawza ghal kull taxxa u ghall-penali amministrattiva taht dan l-Att sabiex dawn jingabru, skont ma jehtieg il-kaz* ***fil-qorti kompetenti ta’ kompetenza civili***[5]*.*

Minn din l-ahhar disposizzjoni jirrizulta ferm car li l-Legislatur ried li kwistjonijiet dwar il-gbir ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuti skond l-Att li ma jinvolvux il-kontestazzjoni ta’ stima mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew referenza skond l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, jaqghu taht il-kompetenza tal-qorti kompetenti ta’ kompetenza civili. B’hekk ladarba ai termini tal-Ligi stess hemm Qorti ohra li ghandha s-setgha li tiehu konjizzjoni, u fil-kaz in ezami bil-hrug ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Novembru 2012 già qed tiehu konjizzjoni, tat-tilwima bejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u t-*tax payer*, japplika dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni in kwantu ma taqax fil-kompetenza tieghu.

---

[4] Enfasi tat-Tribunal.
[5] Enfasi tat-Tribunal.

Il-fatt li fil-kaz in ezami r-Rikorrenti jikkontendu li huma qatt ma gew notifikati bl-Avviz mahrug mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta’ Awwissu 2011 u b’hekk jikkontestaw l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali fil-konfront taghhom, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwistjoni. Ladarba d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li ghandu titolu ezekuttiv u qed jadixxi lill-Qorti kompetenti ta’ kompetenza civili, fil-kaz in ezami l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, biex jesegwixxi tali titolu fil-konfront tar-Rikorrenti, a tenur ta’ dak provdut fl-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta hija dik il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ kwistjonijiet relattivi ghal dak it-titolu, inkluzi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ezistenza ta’ l-istess titolu.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li dak sottomess mir-Rikorrenti fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom, u cioè li *harsa lejn l-artikoli 43 u 44(b) tal-Kap.406 ma jhallix dubbju f’mohh l-esponenti li l-mertu tat-tilwima dwar jekk fil-fatt ghandha tithallas it-taxxa citata fid-dikjarazzjoni guramentata tista’ tikkwalifika jew taht l-artikolu 43 ta’ l-istess Kap.406 jew inkella taht l-artikolu 44(b) ta’ l-istess 406 – haga li minnha nnifisha taghti gurisdizzjoni assoluta lil dan it-Tribunal biex jisma u jaqta’ hu stess it-tilwima li ghandu pendenti quddiemu ... Illi dan inghad jirrizulta bl-aktar mod lampanti li jekk dan it-Tribunal kellu jilqa’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) allura l-esponenti jigu mcahda mid-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq ghal dak li ghandu x’jaqsam mat-taxxa li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) intimat qed jippretendi li ghandu jithallas in konnessjoni mad-dikjarazzjoni tieghu, u dana peress illi jekk wiehed ihares lejn l-imsemmi Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u anke lejn il-Kodici ta’ Organizzazzjoni Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u wiehed jinduna illi ma hemm l-ebda forum iehor hemm indikat fejn jista’ jigi attakkat il-validità o meno tad-dikjarazzjoni minnu maghmula a tenur tal-precitat artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta u di più ma hemm l-ebda procedura ohra hemm definita li peremezz taghha l-esponenti jkunu jistghu jadixxu xi Tribunal jew Qorti bil-ghan illi jigi sindikat il-validità o meno tad-dikjarazzjoni*

*precitata ossia l-allegat titolu ezekuttiv li ghandu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront ta' l-esponenti*, huwa ghal kollox zbaljat u skorrett.

Ghal kull buon fini jigi in fine osservat li r-Rikorrenti ma humiex korretti meta jikkontendu li il-kaz in ezami jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 44(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta bhala kwistjoni dwar *kull taxxa li ghandha tithallas fuq provvista jew akkwist hlief ghal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa* u b'hekk dan it-Tribunal huwa kompetenti biex jisma' u jiddetermina l-istess. Fil-fehma tat-Tribunal l-Artikolu 44(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal kwistjonijiet bejn it-*tax payer* u d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) dwar l-imposizzjoni o meno ta' taxxa fir-rigward ta' transazzjoni partikolari u dwar it-tnaqqis li jista' jkun hemm kontra dik it-taxxa, liema kwistjonijiet evidentement ma jinkludux talba ghall-hlas avvanzata mid-Direttur Generali ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li, jigi ribadit, huwa pass ulterjuri da parte tad-Direttur Generali fil-process lejn il-gbir ta' taxxa u penali amministrattiva dovuta mit-*tax payer* skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Apparte minn hekk l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar dawk ic-cirkostanzi dwar liema tista' ssir referenza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma ghandux jinqara wahdu izda irid jinqara flimkien ma' l-Artikolu 5 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li fis-subartikolu (1) jipprovdi illi ***referenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni imsemmija fl-artikolu 44 ma tistax issir, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju***[6] *u ghandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikun hemm imnizzla l-fatti kollha rilevanti ghal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant, dik il-kwistjoni ghandha tigi deciza.* Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi huwa evidenti li mhux ghal kemm *tax payer* jipprova jalloka l-kontestazzjoni tieghu fil-kuntest ta' wiehed jew iktar mis-subartikoli ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta

[6] Enfasi tat-Tribunal.

u jittanta jeradika l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal fil-kaz minnu avvanzat kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) billi jinvoka l-imsemmi artikolu tal-Ligi minghajr qabel ma jkun ghadda mill-process shih li finalment iwassal ghar-referenza.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrenti jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------